MALTA

**QORTI CIVILI**

**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**ONOR. IMHALLEF**

**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tat-18 ta' Gunju, 2014

Rikors Numru. 157/2014

**AB**

**-vs-**

**CB**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti, wara li ppremetta :

Illi l-partijiet izzewgu fl-erbgha (4) ta' Novembru tas-sena elf disa' mija u wiehed u sebghin (1971) (Ara certifikat taz-zwieg anness u mmarkat bhala 'Dok A') u minn dan iz-zwieg twieled tifel illum maggorrenni;

Illi l-partijiet ilhom legalment separati permezz ta' sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili datat s-27 ta' Gunju 1990 (Ara Dokument anness u mmarkat bhala 'Dok B');

Illi m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet stante illi minbarra li ilhom snin twal mifrudin, illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin;

Illi l-esponenti jiddikjara illi dejjem hallas il-manteniment dovut minnu fil-hin, u m'ghandux arretrati ta' manteniment x'jaghti lill-intimata;

Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talab fid-dawl tal-fatti hawn esposti sabiex li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet ;
2. Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex, fi zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju bejn il-partijiet u biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tat-28 ta' April, 2014;

Semghet lill-intimata tixhed bil-gurament taghha;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mis-27 ta’ Gunju 1990;

Illi ir-rikorrenti ipprova illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta’ rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta’ hlas ta’ manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------